# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum l-10 ta' Ġunju 2020**

Appell numru 228 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs**
**Jean Pierre GALEA**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-15 ta' Lulju 2019 fil-konfront ta' Jean Pierre GALEA, detentur tal-karta tal-identita bin-numri 135782M fejn ġie mixli talli bejn Jannar u Ġunju 2016 f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiskru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

i. Bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku jew kull persuna oħra li tkun qegħda taġixxi, f'kapaċita uffiċjali, xjentement infliġġa fuq il-persuna ta' Maria-Carmela Cassar (ID159672M) uġiegħ u tbatija gravi, sew fiżika sew mentali, sabiex jikkastiga lil dik il-persuna għal xi att li hi jew terza persuna tkun wettqet jew tkun suspettata li wettqet; jew sabiex ibeżża' lil dik il-persuna jew terza persuna li tagħmel, jew li tonqos li tagħmel xi att; jew għal kull raġuni li tkun ibbażata fuq diskriminazzjoni ta' liema xorta tkun;

ii. Bħala persuna li kien jaf jew li kien messu jaf li l-istess Maria-Carmela Cassar hi anzjana jew adult dipendenti u li, taħt ċirkustanzi jew kondizzjonijiet li x'aktarx jikkawża offiża gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentement ġiegħel jew ippermetta li xi persuna anzjana jew adult dipendenti jsofru, jew ġab fuq dawk il-persuni uġiegħ fiżiku jew tbagħtija mentali mhux ġustifikabbli jew waqt li kellu l-kura u l-kustodja ta' persuna anzjana jew adult dipendenti, xjentement ġiegħel jew ippermetta li l-persuna jew is-saħħa tal-persuna anzjana jew adult dipendenti, jitqiegħdu f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-saħħa tagħhom ikunu f'perikolu ċar;

iii. Bħala persuna li kien jaf jew li kien imissu jkun jaf li l-istess Maria-Carmela Cassar kienet anzjana jew adult dipendenti u li, taħt ċirkostanzi jew kundizzjonijiet, ħlief dawk li x'aktarx ikkawżaw offiża gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentement ġiegħel jew ippermetta lil xi persuna anzjana jew adult dipendenti jsofru, jew ġab fuq dawk il-persuna

uġiegħ fiżiku jew tbagħtija mentali mhux ġustifikabbli jew waqt li kellu l-kura u l-kustodja ta' persuna anzjana jew adult dipendenti, xjentement ġiegħel jew ippermetta li l-persuna jew is-saħħa tal-persuna anzjana jew adult dipendenti ssirilhom ħsara, jew xjentement ġiegħel jew ippermetta li l-persuna anzjana jew adult dipendenti jitqiegħedu f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-saħħa tagħhom tkun fil-perikolu.

iv. Il-Qorti ġiet mitluba titratta mal-imputat bħala wieħed li sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. Anthony Vella liema sentenza ġiet mogħtija fis-16 ta' Frar 2011.

v. Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra t'esperti jew periti fil-proċeduri ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, dik il-Qorti sabet lill-imputat mhux ħati tat-tieni imputazzjoni u minnha illiberatu minn kull ħtija u piena filwaqt li sabitu ħati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet kif ukoll tar-reċidiva, qegħditu taħt ordni ta' probation għal perjodu ta' tliet snin filwaqt li qegħditu taħt ordni ta' servizz fil-komunita għal erba' mija u għoxrin siegħa f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole. Il-Qorti ħeslet lill-appellant mill-ħlas tal-ispejjeż peritali filwat li ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni tal-isem

tal-imputat u tal-vitma u tax-xiehda li xehdu fil-proċeduri sabiex tiġi protetta l-identita tal-vittma.

3. L-imputat appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti biex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ma sabitx lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni u fejn illiberatu minnha; f'dik il-parti fejn ħelsitu mill-ħlas tal-ispejjeż peritali; tħassarha fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u tar-reċidiva u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena filwaqt li b'mod sussidjaru, fl-eventwalita li tikkonferma l-ħtija tibdel il-piena imposta u teroga waħda aktar ekwa u ġusta. Ir-raġunijiet miġjuba għal dan l-appell, fil-qosor, huma s-segwenti :

    i. Il-Qorti tal-Maġistrati straħet fuq proċeduri li nġiebu quddiem bord tal-investigazzjoni interna u qieset ir-rapport tiegħu bħala prova kruċjali għas-sejbien tal-ħtija u dan meta dan ir-rapport ma kienx jikkostitwixxi prova ammissibbli f'dan il-każ.
    ii. Il-Qorti tal-Maġistrati għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti u li kienu ammissibbli f'dan il-każ, kemm minħabba li dawn ma kienux provi sikuri li fuqhom setgħet tinstab ħtija; x-xiehda prinċipali ma kienux kredibbli; il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq l-aqwa provi f'dan il-każ u l-Qorti tal-Maġistrati sabet ħtija fuq provi li ma kienux jissodisfaw ir-regola tal-*Best Evidence*; ix-xiehda in difesa kellhom saħħa korroboranti tali li jinnewtralizzaw l-argumenti tal-Prosekuzzjoni;

iii. Il-piena inflitta kienet sproporzjonata għall-ħtija misjuba fl-appellant. Inoltre, f'dan il-każ ma ġiex pruvat li l-appellant kien reċidiv.

4. Rat l-atti kollha u semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet matul l-udjenza;

***Ikkunsidrat : -***

5. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

6. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

7. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal

---

Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

8. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

9. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew

dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

10. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*.

11. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

12. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,*** 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

13. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

14. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista'

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

15. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

16. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **<u>ma teħtieġx</u>** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa

minnha.  Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

17.Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta.  Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, *sure* fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.* Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

18.Fil-każ Ingliż ***Majid***,[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

19.Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence***, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty.

[6] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

20. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

21. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

22.Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-*best evidence rule*, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.
>
> Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

23.In oltre u aktar reċentement fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Cyrus Engerer,*** il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi :

> Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.[10]

24. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-*hearsay* u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. Dan peress li parti mix-xiehda prodotti f'dan il-każ jistrieħu esklussivament fuq dak li qalulhom il-protagonisti f'dan il-każ.

25. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-*hearsay evidence*, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

**598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.

(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

**599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u

[10] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

26. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet : ***Il-Pulizija vs Janis Caruana*** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-*hearsay evidence* kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod : -

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:

> '599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:

> 'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23. Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

> 'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law ruel against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun

prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

27. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi*** ġie deċiż is-segwenti : -

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan ilkliem:

> 'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur

Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

> Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

28. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella,*** deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-*hearsay evidence* ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar -

> Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

29. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-

proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

30. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

*Ikkunsidrat : -*

31.Il-Qorti tal-Maġistrati ma sejsitx is-sejbien tal-ħtija tagħha fuq ir-rapport tal-Bord tal-Inkjesta intern għalkemm huwa veru li għamlet referenza għal dan ir-rapport. Dan sar meta dik il-Qorti qablet ix-xiehda mogħtija miż-żewġ xiehda okulari Spiteri u Baldacchino mal-verżjoni li kienu fornew lill-Bord tal-Inkjesta intern. Il-Qorti tal-Maġistrati setgħet tgħaddi għas-sentenza kundannatorja tagħha **indipendentement** mir-riżultanzi tal-Bord tal-Inkjesta Interna, li, kwantu għal dak li jikkonċerna lil din il-Qorti, huwa inkonsegwenzjali. Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandha biss tistrieh fuq ix-xiehda tax-xhieda miġbura f'rispett lejn il-Liġi tal-Proċedura. In kwantu Baldacchino u Spiteri xehdu quddiem dik il-Qorti, bil-ġurament, allura l-istess Qorti setgħet tistrieh fuq dak li qalu quddiemha fl-Awla– irrispettivament minn dak li setgħu qalu bnadi oħra. Dik il-Qorti ddeċidiet li ssawwar is-sejbien tal-ħtija fl-appellant in bażi għax-xiehda ta' dawn iż-żewġt xhieda li semgħet hi stess u li evidentement emnithom.

32.Kif intqal aktar il-fuq, hija qabel xejn il-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dmir tilqa' u tisma' x-xiehda u tagħrbel dak li jkunu qalu. Hija dik il-Qorti li għandha s-setgħa oriġinali li tagħmel l-apprezzament tal-provi kollha quddiemha, tiġbed il-konklużjonijiet tagħha u tgħaddi għas-sentenza tagħha. Din il-Qorti imbagħad tistħarreġ jekk dik il-Qorti setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet tagħha in bażi għall-dawk il-provi li kellha quddiemha u l-argumenti legali miġjuba.

33. Huwa minnu li kien hemm diversi xhieda li l-valur tagħhom huwa wieħed minimu in kwantu rrapurtaw dak li kien qalilhom ħaddieħor. U kien għalhekk li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet enfażi, anke f'paġna 27 tas-sentenza tagħha dwar il-fatt li hija fliet ix-xiehda kemm ta' Spiteri u Baldacchino, kif ukoll dik tal-appellant, inkluż billi kkummentat li kellha wkoll l-okkażjoni li tosserva l-komportament tal-imputat appellant fuq il-pedana tax-xhieda.

34. Din il-Qorti ma kellhiex din l-opportunita li tisma' u tara d-deposizzjoni ta' dawn ix-xhieda quddiemha bħal ma għamlet il-Qorti tal-Maġistrati u dan peress li f'dan il-proċess ma kienx hemm l-estremi li jippermettu li dan iseħħ. B'hekk din il-Qorti trid tagħti l-piż xieraq lill-analiżi ta' dawk ix-xiehda magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati. Dik il-Qorti wriet li għamlet analiżi metikoluża u dettaljata tad-deposizzjonijiet tax-xhieda li xehdu quddiemha. Anzi tgħid ukoll li qieset iċ-ċirkostanzi u l-fatturi kollha tal-każ. Wara li għamlet dan l-eżerċizzju, hija kkonkludiet li tattribwixxi kredibbilita lill-verżjoni mogħtija minn Jacqueline Spiteri u Margaret Baldacchino. Dik il-Qorti qieset lix-xiehda ta' dawn ix-xhieda mhux biss bħala korroborata bejniethom u konsistenti, iżda wkoll bħala li kienet kredibbli. Dik il-Qorti immotivat id-deċiżjoni li temmen lil dawn ix-xiehda (a differenza ta' dak li qal l-appellant) mhux biss billi għarblet l-inċidenti li huma qalu li raw lill-appellant iwettaq fuq il-persuna jew a detriment ta' Maria Carmela Cassar, iżda wkoll minħabba l-fatt li kien hemm ċirkostanzi oħra li jsaħħu dak li dawn ix-xiehda qalu.

35. Il-Qorti tal-Maġistrati qieset li dawn l-inċidenti verament seħħew anke peress li kien hemm episodji li kienu korroborati mix-xiehda ta' persuni oħra – bħall-inċident ta' meta Maria Carmela Cassar kienet marbuta b'*T-belt* u mqegħda wiċċha mal-ħajt marbuta mal-pultruna; jew darba oħra meta kienet imqegħdha wiċċha mal-ħajt u mdawra b'ħafna *cushions* u njam u li skont l-appellant dan kien sar biex Cassar ma taqgħax. Dan joħroġ, inter alia, mix-xiehda ta' Claudio Borg a fol 46 *et seq* li stqarr li kien għamel dan ir-rapport fir-rigward tat-tliet ħaddiema fil-Unit 15, jiġifieri inkluż fir-rigward ta' Spiteri u Baldacchino.

36. Baldacchino u Spiteri kienu jaħdmu fil-Unit 15 flimkien mal-appellant. Il-Qorti tal-Maġistrati skartat it-teżi tal-appellant li dawn kienu ingħaqdu flimkien kontra tiegħu b'xi forma ta' ritaljazzjoni. Hija qieset li x-xiehda ta' Baldacchino u Spiteri kienet imsaħħa anke mill-mod kif dawn ġabu rwieħom versu Cassar, inkluż billi ħadu ċerti miżuri ta' protezzjoni fil-konfront tagħha. Hekk, per eżempju l-għażla li ma jieħdux *leave* flimkien biex almenu waħda minnhom kienet tkun dejjem preżenti u b'hekk l-appellant ma jkunx waħdu ma' Cassar. Dan kien juri ċertu grad t'apprensjoni għall-inkolumnita ta' Cassar da parti tagħhom in kwantu ma riedux jafdaw lill-appellant waħdu magħha. Il-Qorti tal-Maġistrati emnithom ukoll minħabba li meta kien hemm inċidenti jew episodji li ma kienux preżenti għalihom, huma qalu dan mingħajr tlaqlieq. Dan kien juri li huma ma kienux lesti li jgħidu xi ħaġa b'oħra kontra l-appellant jew li jatribwulu fatti li ma kienux veri.

37.Huwa minnu li r-rapport ta' Spiteri u Baldacchino kontra l-appellant ma sarx mill-ewwel. U anke dan il-punt deher f'għajnejn il-Qorti tal-Maġistrati bħala li jattribwixxi aktar kredibbilita lid-deposizzjonijiet tagħhom. Ir-raġuni hija li kieku veru riedu li jagħmlulu azzjoni ħażina, huma setgħu jirraportawh mal-ħaġra t-tajn. Il-Qorti tal-Maġistrati emnithom li dan ma għamluhx għaliex ma rieduhx li huwa jitlef postu. Iżda meta raw li huwa ma ražžanx lilu nnifsu, imbagħad proċedew biex irrapurtawh. Minbarra hekk għalkemm fiż-żmien li seħħew dawn l-inċidenti kien qiegħed jiġi rinegozjat il-kuntratt tax-xogħol tal-appellant, ir-rapporti l-aktar serji kontrih daħlu **wara** li dan il-kuntratt kien ġie mġedded. Fil-fehma tal-Qorti tal-Maġistrati kieku dawn verament riedu jagħmlulu l-ħsara setgħu jagħmlulu r-rapport qabel it-tiġdid tal-kuntratt, u b'hekk kien ikun aktar faċli li jeħilsu minnu.

38.Meta din il-Qorti qieset ix-xiehda kollha preżentata f'dan il-każ, u r-raġunijiet miġjuba aktar il-fuq, tqis li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal biex temmen lil Baldacchino u lil Spiteri. Dik il-Qorti kellha s-setgħa li temminhom wara li tkun għarblet id-deposizzjonijiet tagħhom quddiemha. Hija kienet fl-aħjar qagħda li tanalizza l-assjem tal-provi kollha, u tqis lil min temmen u safejn temmnu. Din il-Qorti ma tqisx li kien hemm xi ħaġa li tirrendi din l-analiżi tal-Qorti tal-Maġistrati bħala mhux sigura u sodisfaċenti.

39.Huwa minnu wkoll dak li d-Difiża tilmenta meta tgħid li diversi xiehda, kemm tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-Difiża jgħidu li huma

ma rawx, semgħu jew esperjenzaw l-episodji abbużivi attribwiti lill-appellant minn Spiteri u Baldacchino. Huwa minnu wkoll li bosta mix-xiehda li ma kienux okulari xehdu jgħidu li kienu jafu lill-appellant u li huwa kien jidher raġel b'atteġġjament normali f'għajnejhom. Biss il-valur ta' din ix-xiehda mhix daqshekk determinanti in kwantu taqa' fir-relm tal-opinjoni jew tal-*hearsay evidence*. Apparti dan, hemm aspetti oħra li huma t'interess għal dan il-każ.

40. Jekk ix-xiehda ta' Spiteri u Baldacchino kellha titwemmen allura parti sostanzjali mill-azzjonijiet attribwibbli lill-appellant jistgħu jitqiesu li jaqgħu fit-tifsira tal-artikoli 139A u 257C tal-Kodiċi Kriminali. L-imġieba tal-appellant mifruxa fuq diversi episodji li jemerġu minn dak li xehdu Baldacchino u Spiteri, kienet kundannabbli. Biss din il-Qorti tifhem li l-appellant ma kienx iġib ruħu l-ħin kollu b'dak il-mod ma Maria Carmela Cassar. Fil-fatt l-episodji li jixhdu dwarhom Spiteri u Baldacchino huma mifruxin fuq medda ta' xhur. Dan jispjega wkoll għaliex għal ċerti xhieda oħra li xehdu dwar l-aġir tal-appellant, huwa kien jidher li jaġixxi b'mod normali jew li ma kienux, fil-mument li jkunu preżenti huma, jarawh jagħmel affarijiet.

41. Irid jingħad ukoll li Spiteri u Baldacchino kienu jqattgħu ferm aktar ħin fuq il-post tax-xogħol mal-appellant milli kienu jqattgħu il-kumplament tax-xiehda li xehdu. U kien għalhekk li huma setgħu jassistu għal fatti b'mod aktar frekwenti minn xhieda oħra li ma kienux iqattgħu daqstant ħin miegħu u li b'hekk ma kienux

jirnexxielhom jarawh jagħmel dak li Spiteri u Baldacchino xlewh bih.

42. Il-pazjenti li kienu jieħdu ħsieb l-appellant, Spiteri u Baldacchino jippreżentaw sfidi partikolari. Ġie soddisfaċentement ippruvat ukoll li, Maria Carmela Cassar kellha sfidi kbar f'ħajjitha u kellha ħtiġijiet partikolari akbar mill-ħames pazjenti l-oħra fdati lill-Unit 15. L-appellant kien jinkariga ruħu minn Maria Carmela Cassar; u mhux eskluż l-anqas li din setgħet kienet xi drabi tfitxu wkoll. Din il-Qorti temmen li l-imġieba tal-appellant ma Cassar ma kienetx tkun dejjem ħażina. Anzi kif tixhed Adriana Sammut, f'paġna 60 et seq, kif l-appellant kien beda jaħdem, ir-rapporti dwar l-appellant u Maria Carmela Cassar kienu dejjem tajbin.

43. Biss maż-żmien jirriżulta li kienet seħħet bidla fl-imġieba tal-appellant. U l-fatt li fil-bidu kienu jaslulha rapporti tajbin, ma jfissirx li, aktar tard fiż-żmien, l-episodji deskritti minn Spiteri u Baldacchino ma seħħewx. L-imġieba tal-appellant setgħet kienet tkun ġeneralment tajba anke fiż-żmien meta seħħew dawn inċidenti; iżda dan ma jħassarx il-fatt li kien hemm episodji li ma kienux tajbin, u li xehdu dwarhom Spiteri u Baldacchino.

44. B'hekk wieħed irid jara eżattament x'wassal għal din il-bidla fl-atteġġjament tal-appellant. Fattur interessanti li joħroġ ukoll huwa li wħud mix-xiehda stqarrew li raw bidla fl-imġieba tiegħu wara li l-appellant daħal lura mill-*parental leave*.. Hekk per eżempju tixhed Angele Vella, li tgħid li kienet indunat li kienet saret bidla fl-

appellant fis-sens li kien iktar jikkopera qabel u bdew jaraw atteġġjament differenti fih – fejn kien beda jsir aktar tgergir, nuqqas ta' koperazzjoni fejn jidħlu programmi eċċetra. Margaret Baldacchino, a fol 43 tgħid li hija kienet qalet lill-appellant biex jekk ma kienx għadu jiflaħ għall-piż tax-xogħol li kienet iġġib magħha Maria Carmela Cassar allura kien ikun aħjar għalih li jitlaq minn dik il-Unit. Biss qalet ukoll li l-appellant qatt ma ried jagħmel dan.

45. Li l-appellant kien inbidel meta daħal lura mill-*parental leave* joħroġ ukoll mix-xiehda ta' Jacqueline Spiteri. A fol 35 tgħid li meta daħal lura mill-*parental leave* l-appellant kien qisu mibdul billi tkompli tixhed li kien beda jsir konfrontattiv fil-konfront ta' Cassar, u skont l-episodji deskritti minnha beda jsir aggressiv u abbużiv. Jirriżulta wkoll li l-appellant ma kienx fittex xi għajnuna għal dan l-atteġġjament tiegħu.

46. Verament li xogħol ma persuni bi bżonnijiet speċjali bħal ma hija Maria Carmela Cassar huwa xogħol impenjattiv u li joħloq stress kbir fuq l-operaturi. Persuni li jbagħtu minn diżabilita ntellettwali severa bħal Cassar jirrenduha dipendenti ħafna fuq il-badanti tagħha fir-rigward tal-bżonnijiet ta' kuljum. Għalkemm Cassar hija mara adulta, mix-xiehda ta' Dr. Giorgio a fol 57 jirriżulta li hija għandha nuqqas ta' komunikazzjoni u komunikabbilita; nonche li l-iżvilupp intellettwali tagħha huwa ta' ċirka sitt (6) snin. Din tippreżenta sfidi kontinwi għal min ikun irid idur biha u jieħu ħsiebha.

47. Huwa wkoll evidenti li biex badant ikun jista' jieħu ħsieb pazjent li jippreżenta dawn l-isfidi, jeħtieġ li jkollu taħriġ speċjalizzat ma' dawn il-persuni. Mhux ċar jekk l-appellant kellux dan it-taħriġ speċjalizzat. Biss jekk il-Qorti tal-Maġistrati kellha għaliex temmen li l-episodji msemmija minn Baldacchino u Spiteri verament seħħew, allura huwa evidenti li tali taħriġ kien nieqes, jew li almenu f'dan il-każ l-appellant warbu mal-ġenb. Mhux permissibbli li adulta dipendenti bħal ma kienet Cassar tiġi mogħtija twissijiet bl-għajjat, bil-kastigi jew tkun soġġetta għal azzjonijiet ta' ritorsjoni morali jew fiżika fuq il-persuna tagħha bħal ma għamlilha l-appellant jekk wieħed jemmen ir-rakkonti ta' Baldacchino u Spiteri.

48. Bl-għajjat, bit-tisbit, bl-imbuttar, bl-irbit, jew bil-manuvri li jqajmu l-biża li ġew eżerċitati mill-appellant fuq Cassar, jirriżulta li din xorta waħda baqgħet tagħmel reazzjoni u ġġib ruħha b'mod li joħloq sfidi kbar għal min idur biha. Dan minbarra l-episodji fejn l-appellant ikkaġuna offiża fuq ras Cassar meta din, b'konsegwenza t'imbuttatura mill-appellant, ħabtet rasha mal-ħajt, b'mod li qasmitha u kellhom isirulha l-punti. U minkejja dan Spiteri u Baldacchino għamlu żmien jagħżlu t-triq tal-omerta'!

49. Din il-Qorti tirrimprovera l-aġir ta' Baldacchino u Spiteri li, bħala persuni li kienu wkoll ko-responsabbli għall-kura ta' Maria Carmela Cassar, naqsu milli jirraportaw l-episodji t'imġieba ħażina u abbużiva da parti tal-appellant mill-ewwel. Dan wassal għal aktar sofferenza minn Cassar; u imbilli tefgħu kollox taħt it-tapit għal kważi sitt xhur – bl-iskuża li ma riedux lill-appellant jitlef

xogħolu – xorta waħda spiċċaw biex fl-aħħar mill-aħħar kellhom jirrapurtawh: bil-konsegwenzi li dan ġab miegħu. Kieku rrapurtaw l-episodji t'imġieba ħażina tal-appellant qabel, kienu jiffrankaw diversi episodji ta' tbagħtija inutli li kellha ssofri Maria Carmela Cassar. Din il-Qorti tiddeplora s-silenzju tagħhom għal dak it-tul ta' żmien kollu u ma tistax ma tgħidx li tqis din l-omerta bħala suspettuża immens. Biss dan waħdu ma jxejjinx l-analiżi li għamlet il-Qorti tal-Maġistrati relattivament għax-xiehda ta' Spiteri u Baldacchino dwar l-aġir tal-appellant.

50. Din il-Qorti taqbel sa ċertu punt mal-argument tad-Difiża li l-Prosekuzzjoni setgħet resqet aktar provi biex issaħħaħ dak li kienu xehdu Spiteri u Baldacchino. Kif intqal aktar il-fuq, jekk ir-rapport tal-Bord tal-Inkjesta Interna jitħalla barra, il-Prosekuzzjoni setgħet resqet provi oħra li jikkorroboraw aktar dak li xehdu Baldacchino u Spiteri. Mill-banda l-oħra dan ma jfissirx li minkejja n-nuqqas ta' korroborazzjoni akbar, il-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx tistrieħ fuq ix-xiehda ta' Baldacchino u Spiteri kwantu għall-inċidenti li huma jixhdu li raw u li assistew għalihom. Jekk ix-xiehda ta' dawn iż-żewġt xhieda setgħet titqies kredibbli u konvinċenti mill-Qorti tal-Maġistrati, allura dik il-Qorti setgħet tasal li ssib ħtija mingħajr il-ħtieġa ta' provi korroboranti oħra – ideali kemm setgħa jkun ideali li jkollha aktar xiehda biex tkompli ssaħħaħ l-istampa li dawn iż-żewġ xhieda bejniethom kienu kapaċi jwasslu lil dik il-Qorti.

51. Ix-xiehda li tresqu in difesa ma kienux xiehda okulari tal-inċidenti de quo bħal ma kienu Baldacchino, Spiteri u, sa ċertu punt, Claudio

Borg. Mill-banda l-oħra, dawn ix-xhieda juru li l-appellant għamel rapporti wkoll fil-konfront ta' sħabu, kif ukoll li l-appellant ma kienx bniedem aggressiv jew li kien inkompetenti. Biss il-problema f'dan l-argument tad-Difiża huwa li anke wħud mix-xiehda tal-Prosekuzzjoni jgħidu li fil-bidu l-atteġġjament tal-appellant, inkluż lejn Cassar kien wieħed tajjeb. Anzi Spiteri innifisha tgħid li l-appellant kien inbidel wara li daħal mill-*parental leave*. L-istess tgħid Angele Vella. U kien f'dan il-perjodu li l-imġieba tal-appellant fil-konfront ta' Cassar, stando ma dak li xehdu Spiteri u Baldacchino, kienet majnat waħda sew.

52. Kien ikun aktar għaqli għal Spiteri u Vella li, minħabba n-natura delikata tax-xogħol li jagħmlu, jattiraw l-attenzjoni tad-Diriġenza biex jaraw naqra sewwasew x'kien għadda mill-appellant meta beda juri dan il-bdil fl-imġieba tiegħu. Kieku seħħ dan, kapaċi li dawn l-inċidenti, jew uħud minnhom, setgħu jiġu evitati. U anke l-appellant setgħa jiġi mgħejjun jagħraf l-istat tiegħu qabel, u kien jiġi mgħejjun jevita ħafna konsegwenzi. Biss mill-provi prodotti, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom u li in bażi għax-xiehda prodotta, issib ħtija fl-appellant fir-rigward tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet.

53. Id-Difiża ttenni li l-piena inflitta kienet eċċessiva, kif ukoll li l-addebitu tar-reċidiva ma ġiex pruvat f'dan il-każ. Jibda biex jingħad li fir-rigward tal-addebitu tar-reċidiva l-appellant għandu raġun, iżda mhux għar-raġuni li qed iġib hu. Id-dokument li ġie

eżebit a fol 23, skont ġurisprudenza li illum hija assodata, jirrappreżenta n-notamenti tal-Maġistrat u mhux is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Raymond Parnis*** deċiża nhar l-4 ta' Marzu 2011 ġie mistqarr li hija l-kopja uffiċjali maħruġa mid-Deputat Reġistratur li tagħmel stat fil-konfront ta' terzi u mhux l-appunti miktuba mill-Maġistrat fuq iċ-ċitazzjoni. Anzi fis-sentenza fl-ismijiet Il-***Pulizija vs. Nazzareno Camilleri*** deċiża nhar il-31 t'Ottubru 2013 din il-Qorti diversament presjeduta kienet marret oltre minn hekk meta waslet għad-deċiżjoni tan-nullita tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati wara li, *inter alia*, iddeċidiet li l-kopja tas-sentenza li tagħmel stat fil-konfront tal-partijiet hija dik iffirmata mid-Deputat Reġistratur u mhux dik iffirmata mill-Maġistrat; u żiedet li l-appunti tal-Maġistrat jibqgħu proprjeta tal-Maġistrat li jkun kitibhom u xejn aktar.

54. Fil-kawża ***Il-Pulizija vs. Aryna Zrakava*** deċiża nhar l-10 ta' Diċembru 2019 din il-Qorti stqarret li hija s-sentenza fil-forma stampata, li tkun tinsab fil-proċess, u debitament iffirmata mill-Maġistrat li jkun pronunzjaha, li għandha tkun ritenuta dik li toħloq stat fil-konfront ta' terzi filwaqt li dak li wieħed isib miktub mill-Maġistrat fuq il-komparixxi jew fuq dokument ieħor għandhom jiġu ritenuti bħala li huma l-appunti tal-Maġistrat li jkun niżżel matul id-dibattitu tal-kawża u dawn ma jistgħux jitqiesu li jifformaw is-sentenza vera u proprja tal-Qorti tal-Maġistrati. Din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawżi fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs***

***Jason James Agius,***[11] ***Il-Pulizija vs Joseph Zahra,***[12] u ***Il-Pulizija vs Paul Abela,***[13] u oħrajn kemm qabilhom u kemm warajhom, juru biċċar li l-addebitu tar-reċidiva jeħtieġ li jitressaq permezz t'imputazzjoni speċifika li trid tiġi pruvata mill-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

55. Illi mill-banda l-oħra din il-Qorti taqbel mal-appellant li huwa minnu wkoll li fl-atti ma nġabitx prova jekk u meta l-appellant skonta l-piena li kienet inflitta fuqu bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tas-16 ta' Frar 2011. Minn qari tal-fedina penali tal-appellant jirriżulta li hemm **notament** li jindika l-irċevuta numru 52341 u li hija indikata li ġiet imħalsa fit-18 ta' Frar 2011. Issa l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi s-segwenti : -

> Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.

56. Fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Francis Caruana*** tat-12 ta' Marzu 2009, din il-Qorti diversament presjeduta stqarret li l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali ma jiddistingwix bejn kundanni għal pieni pekunjarji jew restrittivi tal-liberta personali. B'hekk f'każ bħal dak in disamina, dan l-artikolu jeħtieġ li biex persuna titqies reċidiva, din il-persuna trid tkun ġiet ikkundannata għal delitt, u tagħmel delitt ieħor fi żmien ħames snin minn dak in-nhar

[11] Tal-5 ta' Novembru 2001.
[12] Tal-24 ta' Frar 2003.
[13] Tal-10 ta' Settembru 2004.

li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-multa. Magħqudin flimkien dawn l-insenjamenti jġibu l-konsegwenza li sabiex il-Prosekuzzjoni jirnexxilha tistabbilixxi li imputat huwa reċidiv fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, il-Prosekuzzjoni trid tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni :

(a) li l-imputat ikun ġie ikkundannat għal delitt;[14]

(b) b'sentenza li tkun għaddiet in ġudikat;

(c) li l-imputat ikun dak li wettaq id-delitt il-ġdid;

(d) ikun wetqu fi żmien għaxar snin (jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin) jew fi żmien ħames snin (fil-każijiet l-oħra kollha);

(e) minn dak in-nhar li **jkun skonta jew tkun inħafritlu l-piena**.

57. Huwa biss meta dan kollu jkun ġie pruvat sal-grad li trid il-Liġi li l-Qorti tkun tista', ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, tgħaddi biex timponi piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor. Minħabba f'hekk issir determinanti li l-Prosekuzzjoni tipprova sal-grad rikjest mill-Liġi meta eżattament il-piena inflitta preċedentement tkun ġiet skontata jew tkun ġiet maħfura. Dan huwa rekwiżit legali għar-reċidiva, u mhux biss xi dettall li l-Qorti tista' tgħaddi mingħajru. Din il-prova, bħal kull prova oħra fil-kamp kriminali tkun trid, b'xi mod tirriżulta

[14] Billi issir il-prova bil-mezz ta' kopja awtentika tas-sentenza kundannatorja li fuqha jkunu jirriżultaw il-konnotati identiċi tal-ħati jew almenu jkun hemm prova oħra tal-identita tal-ħati mal-imputat li jkun irid jiġi ritenut bħala reċidiv.

mill-atti proċesswali, u tista' tieħu forma kemm dokumentarja kif ukoll dik orali, jew it-tnejn flimkien, skont il-każ.

58. F'dan il-każ hemm indikazzjoni li tinsab fuq il-fedina penali nnifisha u tindika d-data meta l-multa tħalset u n-numru tal-irċevuta li tkun ġiet rilaxxjata – f'dan il-każ it-18 ta' Frar 2011. Trattandosi ta' piena ta' multa, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha tal-15 t'April 2015 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Josef Borg*** iddeċidiet li l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali huwa applikabbli għall-każijiet fejn persuni jiġu misjuba ħatja ta' delitti u kkundannati għall-ħlas ta' multi kif ukoll li skont l-artikolu 665 tal-Kodiċi Kriminali :

> Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28A u d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi dwar il-ħlas ta' pieni ta' flus, kull deċiżjoni għandha tiġi esegwita minnufih li tingħata.

59. In bażi għall-dan l-artikolu dik il-Qorti kienet ikkonkludiet li għall-piena ta' multa l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali jiskatta mid-data ta' dik is-sentenza; filwaqt li fil-każ ta' meta l-Qorti tkun ikkonċediet żmien għall-ħlas tal-multa, it-terminu msemmi fl-artikolu 50 ma jiskattax sakemm il-perjodu għall-ħlas tal-multa ikun għadu ma skadiex. Biss din il-Qorti kif presjeduta tqis li dak li l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi huwa mhux biss meta s-sentenza għandha titqies li tiġi eżegwita – f'liema każ, allura kif jgħid l-istess artikolu, minnufih – iżda t-terminu hemm prefiss mill-artikolu 50 huwa marbut ma meta l-piena inflitta, ossija l-multa f'dan il-każ, tkun ġiet **<u>skontata jew maħfura</u>**. Għalkemm is-sentenzi għandhom ikunu eżegwiti minnufih (bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-

artikolu 28A u d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi dwar il-ħlas ta' pieni ta' flus) l-enfażi tal-Liġi fl-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali qiegħed fuq l-iskontar jew maħfra tal-piena u mhux daqstant fuq l-eżegwibbilta' immedjata tas-sentenzi.

60. Il-ħati li jkun ġie kundannat għall-ħlas tal-multa għandu d-dover li jħallas il-multa immedjatament. Fil-każ li ma jkunx ingħata żmien għall-ħlas tal-multa mill-Qorti, l-obbligu tiegħu huwa li jħallas il-multa minnufih. Iżda jekk ma jħallasx il-multa, ma jistax jingħad li huwa jkun skonta l-piena sempliċiment għax din skont il-Liġi trid tiġi eżegwita minnufih. Il-ħati għandu l-obbligu li jħallas il-multa; filwaqt li l-Amministrazzjoni tal-Qrati għandha d-dmir li tara li s-sentenzi tal-Qrati jiġu eżegwiti tempestivament u li tieħu l-azzjoni meħtieġa biex twettaq dawn is-sentenzi. Din l-interpretazzjoni ssib ukoll il-konfort tagħha f'sentenza preċedenti mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta tal-10 ta' Lulju 2015 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Anthony Said,***[15] ġie mistqarr is-segwenti : -

> Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar is-sottomissjoni li l-perjodi speċifikati fl-artikolu 50 f'kull każ ma jiskattawx jekk il-persuna konċernata ma tkunx skontat il-piena għaliex dan ikun ifisser li sabiex persuna tevadi l-awment fil-piena konsegwenza ta' reċidivita' kull ma għandha tagħmel hu li ma tħallasx il-multa imposta jew tevadi l-inkarċerazzjoni. B'hekk jinħoloq inċentiv lill-ikkundannat sabiex jagħmel minn kollox biex jevadi s-sanzjoni tal-Qorti u b'hekk jevadi l-awment fil-piena f'każ ta' reċidiva. Dan ma jidhirx li jiffavorixxi politika penali sana. B'danakollu, id-diċitura tal-artikolu 50 ma jidhirx li jħalli alternattiva lill-Qorti ħlief li tagħti lill-kliem tal-istess artikolu t-tifsira naturali tiegħu u ċioe' li t-termini preskritti fl-artikolu 50 għall-finijiet tal-awment tal-piena jiskattaw meta l-ewwel sentenza tkun ġiet skontata. Peress li s-sentenza ma tistax titqies skontata jekk il-multa ma tkunx ġiet mħallsa, jew konvertita fi priġunerija li tiġi skontata, allura fil-każ li ma jirriżultax li l-piena tal-multa tkun ġiet imħallsa l-awment fil-piena minħabba r-reċidiva ma japplikax. Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li

[15] Mill-Prim'Imħallef Emeritu Silvio Camilleri.

ma setax isir awment fil-piena minħabba reċidiva fuq l-iskorta tas-sentenza tas-7 ta' Marzu 2008 peress li ma jirriżultax li l-piena tal-multa imposta f'dik is-sentenza kienet ġiet mħallsa jew ġie skontat xi perjodu ta' priġunerija minflok dik il-multa.[16]

61. F'dan il-każ, din il-Qorti għandha n-notamenti fuq il-fedina penali innifisha li turi meta l-multa ġiet imħalsa, ossija skontata. Il-każistika ta' din il-Qorti f'dan il-qasam tgħallem li l-preżentata tal-fedina penali fl-atti waħedha mhix prova biżżejjed biex persuna titqies reċidiva skont il-Liġi. Teħtieġ li tinġieb kopja uffiċjali tas-sentenza minn fejn tali reċidiva tkun tista' tirriżulta. Trid tinġieb kopja uffiċjali tas-sentenza. L-identita tal-ġudikabbli trid tkun tirriżulta mill-konnotati identiċi tiegħu li jkunu jinstabu fuq dik is-sentenza jew permezz ta' xiehda oħra li jkunu jistgħu jattestaw għall-identiċita tal-identita tal-ġudikabbli ma dak imsemmi fuq is-sentenza eżebita. U jrid ukoll jiġi pruvat sal-grad rikjest mill-Liġi li s-sentenza preċedenti kienet *res iudicata* u mhux soġġetta għal appell.

62. B'hekk jekk għall-prova tar-reċidiva teħtieġ li titressaq tali prova addizzjonali lil hinn minn dak misjub fil-fedina penali, l-istess jista' jingħad għall-fini tal-prova dwar jekk il-piena erogata f'dik is-sentenza partikolari tkunx ġiet skontata jew maħfura. Trid tinġieb prova ulterjuri u l-fedina penali mhix suffiċjenti. Ma jkunx jagħmel sens li l-fedina ma tkunx ritenibbli prova suffiċjenti għall-fini tar-reċidiva imbagħad titqies ritenibbli suffiċjenti għall-fini tad-

[16] Din il-linja ta' ħsieb jirriżulta wkoll li ġiet segwita minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Joseph Grech*** deċiża nhar it-28 ta' Ġunju 2017.

determinazzjoni dwar l-iskontar o meno tal-piena erogata – u dan sabiex jiġi determinat jekk il-ġudikabbli hux riċediv fit-termini tal-artikolu 49 u 50 jew min minnhom. Dan l-aggravju jimmerita li jiġi milqugħ.

63. Illi fi proċeduri t'appell dwar il-piena, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ jekk il-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati kienetx taqa' fil-parametri legali; jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju; jew jekk kienetx manifestament eċċessiva. Din il-Qorti trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati kienetx żbaljata fil-prinċipju jew erogatx piena li kienet manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more

recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

64. Illi l-Qorti tal-Maġistrati qieset li f'dan il-każ il-piena ideali kienet dik ta' *combination order* ossija ordni ta' *probation* u servizz. Din il-Qorti ma taqbilx. Il-piena erogabbli fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni kienet dik ta' priġunerija li tvarja bejn il-ħames snin u d-disa' snin. Il-piena erogabbli fir-rigward tat-tielet imputazzjoni hija dik ta' priġunerija li tvarja bejn is-sena u tliet snin. Iżda l-Avukat Ġenerali ma appellax minn din is-sentenza. B'hekk din il-Qorti ma tistax tibdel din is-sentenza *in peius* – anke jekk il-każ ikun hekk jimmerita. Dak li din il-Qorti tista' tagħmel huwa jew li tħalli l-piena kif inhi jew li tvarja s-sentenza billi tnaqqasha jew tibdilha b'sentenza anqas gravuża.

65. Il-Qorti tal-Maġistrati kienet erogat il-piena tagħha in bażi għall-fatt li sabet ukoll lill-ħati bħala reċidiv fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, ħaġa li din il-Qorti sejra tvarja. B'hekk din il-Qorti trid tieħu wkoll dan in konsiderazzjoni in kwantu dik il-piena kienet inflitta fid-dawl ta' responsabbilta penali akbar.

# *Deċide*

Għaldaqstant, għall-motivi premessi, il-Qorti qegħda tilqa' l-appell ta' Jean Pierre GALEA in parti u tirriforma s-sentenza appellata biss billi tħassarha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-addebitu tar-reċidiva u minn tali addebitu tilliberah filwaqt li tvarjaha wkoll f'dik il-parti fejn qegħditu taħt ordni ta' probation għal perjodu ta' tliet snin flimkien ma ordni ta' servizz fil-komunita għal erba' mija u għoxrin siegħa u minflok tqegħdu taħt ordni ta' probation għal perjodu ta' sena flimkien ma' ordni ta' servizz fil-komunita għal perjodu ta' mitt siegħa.

U għajr ħlief għal dak riformat b'din is-sentenza kif aktar il-fuq imsemmi, tikkonferma s-sentenza appellata.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***

# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

## ORDNI TA' *PROBATION*

*(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)*

***Onor. Imħallef Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**Illum:** ***10 ta' Ġunju 2020***

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Jean Pierre GALEA**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, **Jean Pierre GALEA** detentur tal-karta tal-identita' numru 135782M ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' *Probation* u ġie mpoġġi taħt Ordni ta' *Probation* ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' *Probation* (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali speċifikati hawn taħt skond l-

Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) u illi jekk jonqos li jħares din l-Ordni jew jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' **sena** millum, ikun jista' jiġi kkundannat għar-reat li għalih qed tiġi magħmula din l-Ordni, u illi l-ħati wera' li jrid iħares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' *Probation;*

Għalhekk **tordna** li l-ħati **Jean Pierre GALEA** detentur tal-karta tal-identita' numru 135782M ikun għal perjodu ta' **sena** millum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal ta' *Probation* taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' *probation*, il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-*Probation* Officer u jżomm dak il-kuntatt meħtieg u mitlub mill-uffiċjal tal-*probation* maħtur lilu.

2. L-Uffiċjal tal-*Probation* maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur.

3. Il-ħati għandu javża immedjatament lill-Uffiċjal tal-*Probation* b'kull bdil li talvolta tagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu.

4. Li għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-uffiċjal tal-*Probation* skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċjal tal-*Probation*; u partikolarment li huwa għandu, jekk l-Uffiċjal tal-*Probation* ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess Uffiċjal tal-*Probation*.

5. Li joqgħod għal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Uffiċjal tal-*Probation* intiżi li jgħinu lill-ħati biex ma jerġax jirrepeti r-reati jew jikkommetti reati oħra.

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċju tal-*Probation Services u Parole* ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Jean Pierre GALEA** (K.I. 135782M)

***Christianne Borg,***
***Deputat Registratur***

***Aaron M. Bugeja,***
***Imħallef***

# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

## ORDNI TA' SERVIZZ FIL-KOMUNITA'

(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 11 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)

*Onor. Imħallef Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Illum:** ***10 ta' Ġunju 2020***

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Jean Pierre GALEA**

Il-Qorti,

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita'

Billi b'sentenza mogħtija llum, fl-ismijiet fuq premessi, **Jean Pierre GALEA** detentur tal-karta tal-identita' numru 135782M ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunita' ai termini tal-Artikoli 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta’ din l-Ordni ta’ Servizz fil-Komunita’ (inklużi l-kundizzjonijiet addizzjonali speċifikati hawn taħt skont l-Artikoli 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta) u illi jekk jonqos li jħares din l-Ordni jew jagħmel xi reat iehor sakemm dan l-Ordni jibqa’ fis-seħħ ikun jista’ jiġi kkundannat għar-reat li għalih qed jiġi magħmul din l-Ordni, u illi l-ħati wera’ li jrid iħares il-kundizzjonijiet ta’ din l-Ordni ta’ Servizz fil-Komunita’;

Għalhekk, tordna li l-ħati **Jean Pierre GALEA** detentur tal-karta tal-identita' numru 135782M jagħti **mitt** (**100**) **siegħa** xogħol/servizz fil-komunita’ li jiġi assenjat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole* liema xogħol/servizz għandu jsir taħt is-sorveljanza ta’ Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita’ taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta’ servizz fil-komunita’, il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita’, jirraporta lil u jżomm dak il-kuntatt regolari u mitlub mill-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita’ maħtur lilu u jwettaq l-istruzzjonijiet kollha maħruġa lilu skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni.

2. Li matul il-perjodu ta' servizz fil-komunita', il-ħati għandu jirraporta lill-awtoritajiet rilevanti minn żmien għal żmien skont l-istruzzjonijiet maħruġa lilu mill-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita';

3. Li jwettaq b'mod soddisfaċenti dawk is-siegħat kollha ta' xogħol siewi fil-Komunita f'dawk il-ħinijiet u għal tul ta' dak iż-żmien kif speċifikat aktar 'il fuq;

4. L-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur;

5. Il-ħati għandu javża immedjatament lill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu jew impjieg, kemm temporanju kif ukoll permanenti lill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita';

6. Li għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita' skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita'; u partikolarment li huwa għandu, jekk l-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita';

7. Il-ħati għandu jiffirma l-formola ta' ftehim ta' xogħol ta' servizz fil-komunita'.

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċċju tal-*Probation Services u Parole* ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

***F'każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux segwiti, issir denunzja, mill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' quddiem il-Qorti kompetenti*.**

**Jean Pierre GALEA**

**Christianne Borg,**
**Deputat Registratur**

***Aaron M. Bugeja,***
***Imħallef***